**355. Il-Prim Ministru Anzjan, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta biħsiebu jagħti b'ċens lil *Leisure and Theme Park Ltd* art f'Baħar iċ-Ċagħaq kif hi deskritta aħjar fl-Abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' artikolu 3 tal-Att 1976 it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Baħar iċ-Ċagħaq deskritta aħjar fl-Abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lil Leisure and Theme Park Ltd għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmi fl-istess Abbozz.

08.01.1987